

## Talbiet

- tqis li ġie ppreżentat rikors għal annullament kontra d-deċiżjoni maħruġa mill-SRB fis-7 ta' Ġunju 2017 (SRB/EES/2017/08) li permezz tagħha ġiet iddkkjarata r-riżoluzzjoni ta' Banco Popular u ġiet approvata l-iskema ta' riżoluzzjoni li tinkludi l-miżuri ta' riżoluzzjoni li għandhom jiġu applikati fir-rigward tiegħu u li wara l-proċeduri dovuti tilqqa' t-talbiet kollha tagħha.

## Motivi u argumenti prinċipali

Il-motivi u l-argumenti prinċipali huma simili għal dawk invokati fil-Kawżi T-478/17, Mutualidad de la Abogacía u Hermandad Nacional de Arquitectos Superiores y Químicos vs Il-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni, T-481/17, Fundación Tatiana Pérez de Guzmán y Bueno u SFL vs Il-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni, T-482/17, Comercial Vascongada Recalde vs Il-Kummissjoni u Il-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni, T-483/17, García Suárez et vs Il-Kummissjoni u Il-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni, T-484/17, Fidesban et vs Il-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni, T-497/17, Sánchez del Valle u Calatrava Real State 2015 vs Il-Kummissjoni u Il-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni, u T-498/17, Pablo Álvarez de Linera Granda vs Il-Kummissjoni u Il-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni.

---

## Rikors ippreżentat fit-12 ta' Awwissu 2017 – Troszczynski vs Il-Parlament

(Kawża T-550/17)

(2017/C 357/31)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

## Partijiet

Rikorrent: Mylène Troszczynski (Noyon, Franza) (rappreżentant: F. Wagner, avukat)

Konvenuta: Il-Parlament Ewropew

## Talbiet

- tannulla d-deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tal-14 ta' Ġunju 2017 dwar it-talba għat-tnejhija tal-immunità ta' Mylène Troszczynski 2017/2019( IMM);
- tikkundanna lill-Parlament Ewropew iħallas lil Mylène Troszczynski s-somma ta' EUR 35 000 bħala kumpens għad-dannu morali subit;
- tikkundanna lill-Parlament Ewropew iħallas lil Mylène Troszczynski s-somma ta' EUR 5 000 bħala rimbors għall-ispejjeż li jistgħu jingħabru;
- tikkundanna lill-Parlament Ewropew għall-ispejjeż kollha tal-kawża.

## Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti tinvoka erba' motivi.

1. L-ewwel motiv ibbażat fuq ksur tal-Artikolu 8 tal-Protokoll Nru 7 dwar il-privileġji u l-immunitajiet tal-Unjoni Ewropea (ĠU 2010, C 83, p. 266, iktar 'il-quddiem il-“Protokoll”).
  2. It-tieni motiv ibbażat fuq ksur tal-Artikolu 9 tal-Protokoll.
  3. It-tielet motiv ibbażat fuq ksur tal-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament u tal-prinċipju ta' amministrazzjoni tajba.
  4. Ir-raba' motiv, ibbażat fuq ksur tad-drittijiet tad-difiża u fuq l-illegalità tad-deċiżjoni kkontestata.
-